

(4) Il-Kummissjoni Ewropea bħala intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom sostnuti minnhom fl-istanzi rispettivi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 46, 12.2.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Novembru 2012 — Éditions Odile Jacob SAS vs Il-Kummissjoni Ewropea, Lagardère SCA**

(Kawża C-551/10 P) (<sup>1</sup>)

**(“Appell — Konċentrazzjonijiet ta’ impriżi fis-suq tal-pubblikazzjoni tal-kotba — Regolament (KEE) Nru 4064/89 — Ftehim ta’ holding — Motivi ineffettivi”)**

(2013/C 9/10)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* Éditions Odile Jacob SAS (rappreżentanti: O. Fréget, M. Struys, M. Potel u L. Eskenazi, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, O. Beynet u S. Noë, aġenti), Lagardère SCA (rappreżentanti: A. Winckler, F. de Bure u J.-B. Pinçon, avukati)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tat-13 ta' Settembru 2010, Éditions Jacob vs Il Kummissjoni (T-279/04), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors ta' Odile Jacob li titlob l-annullament d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP) — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, tal-aspettattivi leġittimi u ta' ugwaljanza

**Dispożittiv**

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Éditions Odile Jacob SAS hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 46, 12.2.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Novembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Éditions Odile Jacob SAS, Wendel Investissement SA, Lagardère SCA u Lagardère SCA vs Éditions Odile Jacob SAS, Il-Kummissjoni Ewropea, Wendel Investissement SA**

(Kawżi magħquda C-553/10 u C-554/10 P) (<sup>1</sup>)

**(Appell — Konċentrazzjoni ta’ impriżi fis-suq tal-pubblikazzjoni tal-kotba — Annullament tad-deċiżjoni relatata mal-approvazzjoni ta’ impriża tal-investiment bħala akkwirenti tal-assi ċeduti — Portata tal-eventwali nuqqas ta’ indipendenza tal-mandatarju)**

(2013/C 9/11)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet, A. Bouquet u S. Noë, aġenti), Lagardère SCA (rappreżentanti: A. Winckler, F. de Bure u J.-B. Pinçon, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Éditions Odile Jacob SAS (rappreżentanti: O. Fréget, M. Struys u L. Eskenazi, avukati), Wendel Investissement SA (rappreżentanti: M. Trabucchi, F. Gordon u C. Baldon, avukati), Lagardère SCA (rappreżentanti: A. Winckler, F. de Bure u J.-B. Pinçon, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet, A. Bouquet u S. Noë, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tat-13 ta' Settembru 2010, Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni (T-452/04), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2004)203365, tat-30 ta' Lulju 2004, dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirent tal-assi ċeduti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP) — Portata tal-eventwali nuqqas ta' indipendenza tal-mandatarju — Żnaturament tal-punti ta' fatt — Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

**Dispożittiv**

(1) L-appelli huma miċħuda.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea u Lagardère SCA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti minn Éditions Odile Jacob SAS.

(3) Wendel Investissement SA għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 46, 12.2.2011